Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 470/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIO PISANI**

**VS**

**JOHN BRIFFA**

**Illum 14 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Briffa ta' 51 sena, bin John u Helen nee' Pace, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar it-28 ta' Jannar 1952 u joqghod 'Don Ellis', Triq il-Qubbajt, Zebbug (Malta), bin-numru tal-karta ta' l-identita' 17752 (G)

Talli f'dawn il-Gzejjer u precisament mill-Flower Power, sitwat Triq id-Durumblat, Mosta, nhar it-13 ta' Awissu 2001, u f'dawn l-ahhar xhur ikkommetta serq ta' pjanti (fjuri) liema serq jammonta ghal Lm1500 ghad-dannu ta' George Sammut;

Kif ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Ukoll talli huwa persuna recediva u dan billi gie ikkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi.

Wara illi rat l-Artikoli 261 (b)(c)(d), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 330, 279(b), 280, 281, 289, 334, 49, 50, 20, 31, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tellghet is-sussegwenti xhieda:

i) Spettur Pio Pisani;

ii) George Sammut;

iii) PS 171 Glanville;

iv) PS 122 Muscat;

v) Prentice Zammit;

vi) Jason Sammut.

Illi giet ezebita wkoll is-sentenza li tinkolpa lill-imputat li biha huwa akkuzat bir-recidiva. Xehed l-Ispettur Bond, f'dan is-sens.

Illi l-imputat ghazel illi ma' jixhidx. Izda xehed in difeza x-xhud Henry Imbroll illi fix-xhieda tieghu svela s-segwenti:

i) Illi l-imputat u l-familja tieghu, ta' sikwiet kienu jaghmlu negozju mall-missier u iben il-Flower Power u, sahansitra kienu jkabbrulhom ukoll xi pjanti.

ii) Id-disgwid ezistenti bejn il-missier u l-iben tal-Flower Power u, ghalhekk, in-nuqqas ta' qbiel bejniethom.

iii) Il-possibilita' illi l-pjanti in kwistjoni inxtraw regolarment u, ghalhekk, forsi l-agir abbusiv tal-Pulizija li "rritornaw" dawn il-pjanti, forsi propjeta' tal-imputat, lill-Flower Power.

Hawnhekk qeghdin fil-kamp kriminali u ghalhekk, jekk jezistu dawn id-dubbji indikati mix-xhud Imbroll, dawn ghandhom ikunu dubbji ragonevoli kollha u ghandhom jimmilitaw favur l-imputat u ghalhekk dina l-Qorti hija fi dmir li tillibera stante l-ezistenza ta' dawn id-dubbji.

L-istess jista' jinghad ghal akkuza ta' ricettazzjoni, stante dina ma' tirrizultax. Kif ukoll dwar l-akkuza ta' recediva, illi issa zgur ma tirrizultax.

Din il-Qorti, ghalhekk tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu mill-Prosekuzzjoni.

Din il-Qorti qeghda tordna illi l-pjanti elevati mill-pussess ta' l-imputat, jigu lilu ritornati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------